MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 398/2012/1

**Rikors numru 398/2012 fl-atti tal-mandati ta’ qbid eżekuttivi numru 1817/2011 u numru 1818/2011 fl-ismijiet**

**Victor Fenech u Christopher Aquilina**
***versus***
**Anthony u Helena *sive* Helina Fountain**

1. Dan huwa appell minn provvediment mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta’ Ġunju 2012 li ċaħad talba ta’ Rose Marie Holland [“ir-Rikorrenti”] għat-tħassir tal-eżekuzzjoni ta’ żewġ mandati eżekuttivi ta’ qbid

maħruġa fuq talba ta' Victor Fenech u Christopher Aquilina ["il-Kredituri"] kontra Anthony u Helena Fountain ["id-Debituri"] li bis-saħħa tagħhom inqabdu ħwejjeġ li r-Rikorrenti tgħid li huma tagħha u mhux tad-Debituri.

2. Il-Kreditur Fenech wieġeb, *inter alia*, illi l-proċedura li biha nqdiet ir-Rikorrenti (rikors magħmul taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) ma hijiex il-proċedura tajba u kien imissha nqdiet, minflok, bil-proċedura ta' kawża b'rikors maħluf.

3. Bil-provvediment mogħti fl-20 ta' Ġunju 2012, li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Illi f'din l-azzjoni r-rikorrenti qiegħda titlob it-tħassir tal-eżekuzzjoni ta' żewġ mandati ta' qbid eżekutivi maħruġin kontra bintha u żewġ din, u dan għaliex tgħid li l-ħwejjeġ li nqabdu fl-eżekuzzjoni tal-imsemmija mandati ma kenux ħwejjeġ id-debituri eżekutati, iżda ħwejjiġha. Għalkemm fir-rikors imressaq minnha ma ssemmix espressament taħt liema dispożizzjoni tal-liġi tressqet l-imsemmija talba, jidher li din tar-rikorrenti hija azzjoni mressqa taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-fehma hija msaħħa wkoll mis-sottomissjonijiet magħmula f'isem ir-rikorrenti mill-għaref difensur tagħha;

«Illi, kif ingħad, l-għan tal-azzjoni tal-lum huwa dak li titħassar kull ħaġa li saret fl-eżekuzzjoni taż-żewġ mandati ta' qbid eżekuttivi u kull att ieħor sussegwenti u konkomitanti;

«Illi għal din l-azzjoni il-intimat eżekutanti Fenech laqa' billi qal li t-talba m'hijiex mistħoqqa għaliex hija biss tentativ biex jgħin lill-eżekutati jaħarbu mir-rabta tagħhom li jħallsu dak li għandhom jagħtu lilu u lil sieħbu l-eżekutant l-ieħor Aquilina. Iżid jgħid li l-proċedura li nqdiet biha r-rikorrenti m'hjiex tajba għaliex il-mandat ma nħariġx kontrieha imma kontra d-debituri tiegħu u ta' sieħbu, u l-azzjoni messha saret bil-proċedura normali tar-rikors maħluf u mhux b'sempliċi rikors. F'kull każ, qal li t-talba ma tistax tintlaqa' qabel ma r-rikorrenti jseħħilha turi bi provi tajba li dak li qiegħda tallega huwa minnu u kif, għal dejn li ħallset f'isem bintha u żewġha, intradd lura lilha ġid li jiswa wisq aktar minn dak id-dejn;

«Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti marbutin mal-każ jirriżulta li l-intimati eżekutanti huma kredituri ta' Anthony u Helena

*sive* Helina miżżewġin Fountain, bis-saħħa ta’ żewġ kuntratti pubbliċi ta’ kostituzzjoni ta’ debitu, wieħed tat-28 ta’ Ottubru, 2010 u l-ieħor tal-4 ta’ Frar, 2011, fis-somma ta’ € 77,263.40 li kellha titħallas lura mill-imsemmija miżżewġin Fountain sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Ottubru, 2011;

«Illi permezz ta’ kitba li saret fit-3 ta’ Novembru, 2010, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, il-miżżewġin Fountain raddew lura lir-rikorrenti b’titolu ta’ *datio in solutum* il-ħwejjeġ kollha mobbli u oġġetti ta’ fidda, deheb u ħaġar prezzjuż li l-istess rikorrenti kienet tat b’titolu ta’ dota lil bintha Helena fl-okkażjoni tal-ktiba taż-żwieġ li kienet saret b’att pubbliku tas-6 ta’ Ottubru, 1993, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat. Din l-istipulazzjoni saret minħabba li r-rikorrenti kienet issaldat dejn li l-intimati eżekutati miżżewġin Fountain kellhom ma’ kumpannija kreditriċi bl-isem ta’ *Lighting Solutions Co. Limited* fis-somma ta’ € 29,918. F’dak il-każ, ir-rikorrenti kienet wettqet il-ħlas b’arranġament wara li l-imsemmija kumpannija kienet talbet u kisbet il-ħruġ ta’ mandat ta’ qbid eżekuttiv f’Mejju tal-2010;

«Illi fid-9 ta’ Novembru, 2011, l-eżekutanti Fenech u Aquilina bagħtu ittri uffiċjali lill-miżżewġin Fountain biex jinterpellawhom iħallsu d-dejn dikjarat tagħhom u biex jirrendu eżekutivi l-kuntratti pubbliċi msemmija;

«Illi fil-21 ta’ Diċembru, 2011, l-intimati eżekutanti talbu u kisbu l-ħruġ ta’ żewġ mandati ta’ qbid eżekutivi. Dak inhar ukoll, l-eżekutanti ressqu rikors biex jitolbu l-elevazzjoni ta’ għamara mill-post fejn jgħixu l-eżekutati miżżewġin Fountain u l-ħatra ta’ kunsinnatarju. Il-qorti laqgħet dik it-talba l-għada u b’degriet tat-30 ta’ Diċembru, 2011, ordnat ukoll li l-ħwejjeġ maqbuda jinbigħu b’irkant taħt l-awtorità tal-qorti. Fit-12 ta’ Jannar, 2012, l-intimati eżekutanti ressqu rikors li bih talbu li l-eżekuzzjoni ssir bi sgass. It-talba ntlaqgħet b’degriet tal-Qorti tas-16 ta’ Jannar, 2012;

«Illi fit-13 ta’ Frar, 2012, l-intimati eżekutanti ressqu rikors li bih talbu lill-qorti tordna l-eżekuzzjoni tal-mandati ta’ qbid, minkejja dak kollu li l-eżekutati u r-rikorrenti ommha jallegaw. Permezz ta’ tweġiba mressqa fit-2 ta’ Marzu, 2012, ir-rikorrenti ikkonfermat li hija kienet żammet lill-uffiċjali ezekuttivi tal-qorti milli jeżegwixxu l-mandat u saħqet li ma setgħetx tħalli li fl-imsemmija eżekuzzjoni

jittieħdu ħwejjiġha meta hija ma kenitx debitriċi ta' min kien talab il-ħruġ tal-mandat. B'degriet tal-14 ta' Marzu, 2012, il-qorti laqgħet it-talba tal-krendituri eżekutanti;
«Illi l-eżekuzzjoni taż-żewġ mandati ta' qbid mertu ta' din il-kwestjoni saret fis-17 ta' April, 2012, u bis-saħħa tagħha nqabdu l-ħwejjeġ imfissra fir-riferti rispettivi tal-uffiċjali eżekuttivi. L-eżekuzzjoni saret fid-dar fejn tgħix ir-rikorrenti u fejn tgħix ukoll magħha bintha l-eżekutata, li bħalissa għaddejja minn proċeduri ta' firda personali minn ma' żewġha l-eżekutat Anthony Fountain. Il-ħwejjeġ maqbuda ma tteħdux mill-post u r-rikorrenti tgħid li dak inhar bintha l-eżekutata ħallset lill-intimati eżekutanti € 5,000 akkont u ngħatat riċevuta. Jumejn wara tressaq ir-rikors li beda din il-proċedura tal-lum;
«Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-każ, il-qorti sejra, qabel kull ħaġa oħra, tistħarreġ il-kwestjoni mqanqla mill-intimat eżekutanti dwar is-siwi tal-proċedura meħuda mir-rikorrenti. Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba l-qorti ssib li dik l-eċċezzjoni proċedurali hija mistħoqqa, ma jkunx hemm għalfejn li tistħarreġ ukoll il-mertu tar-rikors;
«Illi bl-imsemmija eċċezzjoni, l-intimat eżekutant irid li l-qorti ssib li l-mod kif ir-rikorrenti Holland dehrilha li kellha tressaq it-talba tagħha ma messux sar bil-mod minnha magħżul, jiġifieri bir-rikors taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, iżda bil-proċedura ordinarja tar-rikors maħluf. Huwa jsejjes din l-eċċezzjoni fuq żewġ kawżali: … … … it-tieni hija li dak li torbot fuqu r-rikorrenti jitlob il-prova li hija sidt il-ħwejjeġ maqbuda bil-mandati attakkati u li dik il-prova tista' tinġieb f'kawża normali u mhux fi proċedura li tattakka l-att eżekuttiv;
«… … …
Illi dwar it-tieni raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat eżekutant hemm aktar x'wieħed jgħid. Dan għaliex, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qiegħda titlob biss it-tħassir tal-eżekuzzjoni tal-mandat u tal-atti kollha li jsegwu dik l-eżekuzzjoni, u mhix qiegħda titlob it-tħassir tal-mandat innifsu. Għalkemm l-intimat iqiegħed din il-parti tal-eċċezzjoni taħt il-kwestjoni tal-għamla ta' provi li huma meħtieġa, l-qorti ma tistax twarrab minn quddiemha l-fatt li għadu kemm issemma, għaliex il-grad ta' prova mistenni

f'kawża minnu nnifsu m'huwiex determinati għas-siwi tal-proċedura li biha tinbeda l-kawża;

«Illi l-kwestjoni li tqum hija jekk kemm-il darba r-rikorrenti setgħetx tinqeda bl-artikolu 281, ladarba hija qiegħda titlob biss li titħassar l-eżekuzzjoni tal-mandati maħruġa mill-intimati eżekutanti safejn dawk il-mandati laqtu lil ħwejjiġha;

«Illi l-qorti tibda biex tgħid li r-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan "għal raġuni valida skond il-liġi". Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x'tista' tkun "raġuni valida" li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet tal-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv;

«Illi huwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fleżekuzzjoni ta' mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi. Min-naħa l-oħra, t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281;

«Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'rikors maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

«Illi jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l-eżekuzzjoni ta' mandat għandhiex titqies bħala parti

essenzjali mill-istess mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna oħra interessata". Fl-istess waqt, il-qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv m'hux dejjem jaqblu. Madankollu, l-fehma ta' din il-qorti hi li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali") kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A). Ma jidhirx li meta l-leġislatur (fl-2006) wessa' l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap 12 favur "xi persuna oħra interessata" wessa' wkoll ir-raġunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata' jintalab qabel dak iż-żmien. Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura m'huwiex ir-rimedju waħdieni li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra";

«Illi lardarba r-rikorrenti dehrilha li kellha tmexxi b'sempliċi rikors u mhux b'rikors maħluf, joħroġ li r-rikors imressaq minnha ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(*ċ*) tal-imsemmi Kapitolu 12 u sa dan ir-rigward, l-eċċezzjoni proċedurali tal-intimat eżekutant tirriżulta mistħoqqa. Dan, naturalment, jingħad bla ebda ħsara għal kull rimedju ieħor li l-istess rikorrenti tista' tinqeda bih biex tikseb dak li talbet f'din il-proċedura tal-lum;

«Illi fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa s'issa, ma jagħmel l-ebda sens li l-qorti tgħaddi biex tqis ukoll it-talba tar-rikorrenti fil-mertu. Dan l-eżerċizzju, jekk għandu jsir, ikun xieraq li jitwettaq meta r-rikorrenti tagħżel li tressaq l-att ġudizzjarju meħtieġ;

«Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

«Tilqa' l-eċċezzjoni proċedurali tal-intimat eżekutant, u teħles lill-intimati eżekutanti milli jibqgħu iżjed fil-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti»

4. Ir-rikorrenti appellat minn dan il-provvediment b'rikors tat-22 ta' Ġunju 2012. L-aggravju tagħha, essenzjalment, huwa illi ma taqbilx mal-interpretazzjoni

mogħtija mill-ewwel qorti lill-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tgħid illi l-ktejjeb maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja biex ifisser il-ħsieb tal-leġislatur meta daħħal b'liġi l-art. 281 jixhed illi l-ħsieb kien:

«To render available this remedy not only to the creditor and to the debtor, but also to third parties that could be affected. This is very important in a warrant for seizure where the execution takes place on the property of third parties who, as the system now stands, have to embark upon making a lawsuit in the normal manner, whereas with this proposal they can avail themselves of this expedient and simple legal procedure.»

5. Din l-interpretazzjoni, tgħid ir-rikorrenti, hija msaħħa mill-kliem tal-liġi illi jgħid illi r-rimedju taħt l-art. 281 tista' tinqeda bih biex tħassar mandat eżekuttiv "f'kollox jew f'parti minnu". L-eżekuzzjoni hija "parti" mill-mandat għax "komprensiva (*sic*) fl-ordni mogħtija u sottoskritta mill-qorti lill-marixxall eżekutant".

6. Ir-rikorrenti tistrieħ ukoll fuq din is-silta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Awissu 2011 *in re* Alan Bartoli *nomine versus A Gatt Trading Limited et*:

«Fir-rigward tal-proċedura li kellha tiġi segwita, il-qorti taqbel li l-kumpannija attriċi kellha l-opportunità li tipproċedi skond l-artikolu 281 tal-Kap. 12. Terzi li m'huwiex parti f'mandat ta' qbid eżekuttiv għandu kull jedd li jagħmel rikors u jitlob li jitħassar il-mandat eżekuttiv, "għal raġuni valida skond il-liġi". Fil-fehma tal-qorti l-fatt li t-terz hu proprjetarju tal-mobbli li jkunu nqabdu hi raġuni valida biex isir rikors simili. »

7. Il-kreditur Fenech wieġeb fil-25 ta' Settembru 2012 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.

8. Il-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-qorti, hija jekk l-eżekuzzjoni ta' mandat hijiex "parti" mill-mandat innifsu u għalhekk tintlaqat mill-kliem tal-art. 281:

«**281.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att

eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.»

9. Il-qorti hija tal-fehma illi l-eżekuzzjoni ma hijiex "parti" mill-mandat. Meta l-liġi tgħid illi mandat jista' jitħassar "f'parti minnu biss" qiegħda tirreferi għal każijiet bħal meta mandat jinħareġ għal *sorte* li tkun aktar mis-somma kanonizzata, u għalhekk jitħassar għall-parti żejda, jew meta jinħareġ kontra bosta persuni li fosthom ikun hemm min ma huwiex debitur kanonizzat, u għalhekk il-mandat jitħassar safejn ikun inħareġ kontra min ma huwiex debitur kanonizzat.

10. It-tħassir tal-eżekuzzjoni iżda hija differenti mit-tħassir ta' parti mill-mandat. Ir-raġuni għala l-liġi tippermetti t-tħassir ta' mandat jew ta' parti minnu iżda mhux tal-eżekuzzjoni bil-proċedura taħt l-art. 281 hija ovvja:

11. Il-proċedura taħt l-art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-*quantum* tad-dejn kanonizzat, dwar l-identità tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tallum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju. Huwa għalhekk illi l-liġi għal każijiet bħal dak tallum trid illi l-proċedura ssir b'dik normali ta' rikors maħluf.

12. Tassew illi l-ktejjeb maħruġ mill-Ministeru tal-Ġustizzja dwar il-ħsieb wara l-art. 281 jagħtik x'tifhem illi l-ħsieb kien illi taħt l-art. 281 tista' ssir ukoll talba biex titħassar biss l-eżekuzzjoni u mhux il-mandat innifsu jew parti minnu. Dak il-ktejjeb iżda jagħti biss interpretazzjoni li ma torbotx lill-qorti: ma huwiex att b'saħħa ta' liġi u għalhekk l-interpretazzjoni hemm mogħtija ma tistax titqies waħda "awtentika".

13. Billi għalhekk din il-qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel qorti, qiegħda tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------